QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI
MAGISTRAT Dr IAN FARRUGIA LL.D

Illum 21 ta` Ottubru 2022

**Il-Pulizija**
(Spettur Priscilla Caruana)

Vs

**Ian Borg**

Kump numru: 1265/2011

**Il-Qorti**;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra, **Ian Borg I.D.398488(M)** fejn gie akkuzat talli nhar it-28 t'Awwissu, 2010 ghall-habta ta' 01:15hrs fi Triq Hal Far, B'Bugia waqt li kont qed issuq il-vettura bin-numru tar-registrazzjoni FBV676;

1. b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku, ikkagunajt griehi ta natura gravi fuq il-persuna ta Carmel Borg skond ma ccertifikat

Dr Ruth Galea M.D. u griehi ta natura gravi fuq il-persuna ta Maria Margherita Schembri skond ma ccertifika Dr Christopher Deguara M.D. u griehi ta natura hafifa salv kumplikazzjoni fuq il persuna ta` Doris Borg skond ma ccertifikat Dr Samantha Saliba M.D.

2. soqt l-imsemmija vettura b'velocita li teccedi l-limitu preskritt bil-ligi.

3. soqt l-imsemmija vettura b'manjiera (a) traskurata, (b) bla kont.

Il-Prosekuzzjoni titlob li tigi skwalifikat mill-licenzji kollha tieghek tas-sewqan

Rat il-kunsens ta` l-Avukat Generali tat-13.02.2013 sabiex din il-kawza titmexxa bir-rit sommarju (ara fol 30);

Semghet lill-ufficjal prosekutur bil-gurament;

Rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti esebiti;

Qieset id-depozizzjonijiet tax-xhieda mressqa f'dan il-procediment;

Semghet sottomissjonijiet;

Ikkunsidrat;

Illi dan il-kaz, bhal hafna ohrajn simili, hu karatterizzat minn zewg verzjonijiet konflingenti, imressqa pricipalment miz-zewg protagonisti  u cioe iz-zewg sewwieqa involuti, l-imputat Ian Borg li kien qed isuq il-vettura Honda FBV 676 u is-sewwieq l- iehor Carmel Borg li kien qed isuq il-vettura Peugeot BBL 189.

Bazikament, Ian Borg l-imputat,  jistqarr li hu kien qed isuq f`Hal Far Road Birzebbuga, direzzjoni lejn l-airport, u kif gie fil-liwja (vicinanzi tal-fond bl-isem

‘Caribbean’) kien ra vettura diehla ghal fuqu u sehh l-impatt. Minn naha tieghu, Carmel Borg jistqarr li kien qed isuq il-vettura tieghu direzzjoni lejn il-freeport, u kif gie fil-liwja ra vettura li kienet gejja mill-oppost tieghu li f’hin minnhom dehret li kienet tilfet il-kontroll taghha u baqghet diehla fil-vettura tieghu.

Naturalment, iz-zewg sewwieqa jsostnu li l-impatt sehh fuq il-karregjata rispettiva taghhom. U naturalment, din il-qorti tikkummenta minghajr tlaqlieq, li dan ma jistax ikun. U allura jkunu il-provi oggettivi li f’kazijiet bhal dawn, ghandhom jizblokkaw is-sitwazzjoni.

Din il-Qorti, wara li ezaminat bir-reqqa l-atti processwali, hi tal-fehema illi l-prova oggettiva li tati risposta f`dan il-kaz hi propju il-‘locus’ tad-debris. Mill-iskizzipprezentat a folio 4 jirrizulta car illi dan id-debris hu koncentrat fil-karregjata fejn fiha kien qed isuq Carmel Borg u ghaddej bil-vettura tieghu BBL 189. Minn din il-koncentrazzjoni tad-debris, il-Qorti legittimament tikkonkludi li l-*point of impact* sehh fuq il-karregjata fejn kienet qed tinstaq il-vettura BBL 189. Dan ifisser allura li l-verzjoni tax- xhud Carmel Borg, hija sostenibbli - fil-waqt li l-verzjoni ta` l-imputat Ian Borg, bil-provi minnu migjuba, bl-ebda mod ma skossat il-prova b`sahhita migjuba mill-prosekuzzjoni.

Bil-prova tac-certifikati medici esebiti, il-prosekuzzjoni ippruvat in-natura tal-griehi sofferti mill-vittmi f’dan il-kaz. In oltre, il-provi juru li l-imputat ma zammx l-attenzjoni mehtiega meta kien qed joqrob liwja.

Ir-rizultanzi processwali gabu lill-imputat passabbli ghar-reati addebitati lilu skond l-imputazzjonijiet imressqa.

**Konkluzjoni**

Ghall-dawn il-mottivi, l-Qorti, wara li rat l-Artikoli 17, 31, 225 u 226 tal-Kap 9, u l-Artikoli 15(1)(a)(2) tal-Kap 65, u Reg.127 tal-L.S.65.11, ilkoll tal-Ligijet ta' Malta, issib u tiddikjara lil Ian Borg hati skond l-imputazzjonijiet dedotti u minflok piena qed tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sentejn millum u dana ai termini ta` l-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta` Malta.

Il-Qorti fissret lill-hati l-konsegwenzi jekk huwa jikser din l-Ordni mposta.

Dr Ian Farrugia LLD
Magistrat

Marica Mifsud
Deputat Registratur